MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2011

Numru. 563/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**JASON ZERAFA**

**Illum 2 ta' Mejju, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JASON ZERAFA** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Joseph u Jennifer nee' Zerafa, imwieled Pieta' nhar it-23 ta' Mejju, 1985 u residenti gewwa Santa Rita, Triq Emanuele Giordano, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' numru 282085M, gie mressaq quddiemha w akkuzat talli nhar l-ewwel (1) ta' Mejju, 2011 ghall-habta

ta’ nofs il-lejl u ghaxar minuti (00.10a.m.) gewwa l-kumpless tal-MFCC Ta’ Qali, u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer Maltin:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol, izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza hafifa, ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta’ PC 942 Saviour Chircop waqt il-qadi ta’ dmirijietu, hekk kif iccertifika Dr. Joseph Saliba M.D. (Med. Reg. No. 1776) tac-Centru tas-Sahha tal-Floriana.

2. Ingurja, jew hedded persuni ta’ whud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuna tal-pulizija PC942 Saviour Chircop, PC1566 Johan Carl Borg, PC 1500 Alfred Cutajar, PC 1051 Brian Joseph Cremona u pulizija ohra.

3. Ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe’ kontra l-pulizija PC 942 Saviour Chircop, PC 1566 Johan Carl Borg, PC 1500 Alfred Cutajar, PC 1051 Brian Joseph Cremona u pulizija ohra waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi.

4. Bi vjolenza jew b’theddid, gieghel ufficcjal pubbliku u cioe’ lill-pulizija PC 942 Saviour Chircop, PC 1566 Johan Carl Borg, PC 1500 Alfred Cutajar, PC 1051 Brian Joseph Cremona u ufficjali ohra tal-pulizija li ma jaghmlux xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga taghhom.

5. Irrifjuta li jaghti, jew ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikolaritajiet ohra.

6. Ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet

tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, jindahal fi dmiru, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi kien ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza.

7. Talli pejjep prodott tat-tabakk f'xi zona maghluqa ghaliha.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' tal-pulizija PC 942 Saviour Chircop, PC 1566 Johan Carl Borg, PC 1500 Alfred Cutajar u PC 1051 Brian Joseph Cremona.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' att mill-estratt tat-twelid tal-imputat, Kunsens tal-Avukat Generali, okkorrenza, Dikjarazzjoni tar-Rifjut ghad-Dritt tal-Parir Legali, Certifikat mediku, stqarrija rilaxxjata mill-imputat u Fedina Penali.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum, tnejn ta' Mejju 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha w fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum tnejn ta' Mejju 2011 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur tieghu.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera maghha tul l-investigazzjoni kif ukoll li kien skuza ruhu tal-akkadut *a tempo vergine* tal-incident.

Semghet lill-imputat jerga' jiskuza ruhu seduta stante.

Rat illi l-fedina tal-imputat hija wada netta minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha, w ghalhekk l-imputat ghandu jigi trattat bhala *'a first time offender'*.

**Illi ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi b'mod partikolari l-Artikoli Artikoli 95, 96, 221 (3), 338 (g), 339 (1) (d) (e) tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 3 (1) tal-Avviz Legali 23 tal-2010 tiddikjara li ssib lill-imputat JASON ZERAFA, hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni w tikkundannah komplessivament disgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Art 28 A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------